MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2/2004

**Denis u Tania konjugi Muscat**

**vs**

**Maria Isabella (sive Marisa) u Raymond konjugi Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi ippremettew:

Il-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' disa' t'elef tmien mija u erbatax il-elf lira Maltija (Lm9,814) rapprezentanti bilanc minn somma akbar moghtija mill-attur b'self *brevi manu* lill-konvenuti, u dan kif jirrizulta mill-annessi skritturi mmarkati bhala Dokumenti A u Dokument B;

Minkejja li l-atturi diversi drabi talbu lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma dovuta, dawna xorta wahda baqghu inadempjenti;

Il-konvenuti accettaw li s-somma mitluba kienet dovuta u ghal dan il-ghan ghaddew lill-attur ghaxar cekkijiet (Dokumenti C1 sa C4) bhala hlas izda eventwalment il-konvenuti talbu lill-attur biex ma jsarrafhomx ghaliex fir-rejalta' ma kellhomx flus fil-kont taghhom meta hargu l-istess cekkijiet, fil-waqt li tnejn minnhom gew *"referred to drawer"* meta l-attur mar biex isarrafhom (Dok. C4);

Dan id-debitu huwa veru, cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess ammont:

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikli 167 u 170 tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. tikkundannhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' disa' t'elef tmien mija u erbatax il-elf lira Maltija (Lm9,814) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar li l-attur sellef lill-konvenuti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat il-verbal ta' l-atturi li biha rriducew it-talba b'Lm5,314 *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat il-verbal tal-konvenuti li biha ammettew t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi limitatament ghas-somma ta’ Lm4,500 (erba’ t’elef u hames mitt lira Maltin) u bl-imghaxijiet mis-6 ta’ Jannar, 2004 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------